A.L.--- tal-2021

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**
**(KAP.549)**

**Regolamenti tal-2021 li jemendaw if-Regolamenti dwar ir-Riċiklaġġ ta' Kontenituri tax-Xorb**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Minstru għall-Ambjent, tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**
**L.S. 549.134.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Riċiklaġġ ta' Kontenituri tax-Xorb u għandhom jinqaraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tar-Riċiklaġġ tal-Kontenituri tax-Xorb hawn izjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti principali."

**Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Is-subregolament (3) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

**L.S. 549.43.**
**L.S, 549.XX.**
"(3) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huma li jimplimentaw il-proviżjonijiet tad-Direttiva 94/62/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u l-Artikolu 8(2) u (4) u Artikolu 9 tad-Direttiva (EU) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunisill tal-5 ta' Ġunju tal-2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent u b'rispett ta' kontenituri tax-xorb u l-proviżjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart u r-Regolamenti dwar Qafas dwar Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss għandu jiġi applikat u interpretat kif xieraq."

**Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.**

**3.** Is-subregolament (1) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (j) tiegħu, il-kliem "skont ir-regolament 10; u" għandhom jiġi sostitwiti bil-kliem "skont ir-regolament 10;".

(b) fil-paragrafu (k) tiegħu, il-kliem "is-suċċess tal-Iskema." għandhom jiġi sostitwiti bil-kliem "is-suċċess tal-Iskema; u;".

(c) immedjatament wara l-paragrafu (k) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

“**L.S. 549.141.**
**L.S. 549.XX.**
**L.S. 549.63.**

(l) mingħajr preġudizju għas-subregolament (3) tar-regolament 6 tar-Regolamenti dwar Qafas ta’ Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, ikopri l-ispejjeż li ġejjin għal-kontenituri tax-xorb elenkati fit-Tieni Skeda li huma kkunsidrati bħala prodotti tal-plastik li jintuża darba biss kif mfisser fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas dwar Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss, sakemm mhux diġà inklużi:

(i) l-ispejjeż tal-miżuri ta’ sensibilizzazzjoni msemmijin fir-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Qafas dwar Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss;

(ii) l-ispejjeż għal-ġbir tal-iskart kif mfisser fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart għal dawk il-prodotti mormija f’sistemi ta’ ġbir pubbliċi, inklużi l-infrastruttura u l-operat tagħha, u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta’ dak l-iskart;

(iii) l-ispejjeż biex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ li jiriżulta minn dawk il-prodotti u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta’ dak ir-rimi bl-addoċċ:

Iżda l-ispejjeż li għandhom jiġu koperti msemmijin f’dan il-paragrafu m’għandhomx jaqbżu l-ispejjeż li huma meħtieġa biex jiġu pprovduti s-servizzi msemmija fihom b’mod kosteffiċjenti u għandhom jiġu stabbiliti b’mod trasparenti bejn l-Aġenzija, l-operatur u kull atturi oħrajn ikkonċernati:

Iżda wkoll l-ispejjeż biex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ għandhom ikunu limitati għal attivitajiet imwettqa minn awtoritajiet pubbliċi jew f’isimhom. Dawn l-attivitajiet għandhom ikunu suġġetti għal approvazzjoni minn qabel tal-Aġenzija. Il-metodoloġija tal-kalkolu għandha tiġi żviluppata b’mod li tippermetti li l-ispejjeż biex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ jiġu stabbiliti b’mod proporzjonat. Sabiex jitnaqqsu għall-minimu l-ispejjeż amministrattivi, il-Ministru b’konsultazzjoni mal-Awtorità u l-Aġenzija, jistgħa jiddetermina kontribuzzjonijiet finanzjarji lejn l-ispejjeż tat-tindif tar-rimi bl-addoċċ billi jistabbilixxi ammonti fissi pluriennali.”

**Jistotitwixxi l-Ħames Skeda tar-regolamenti prinċipali.**

**4.** Il-Ħames Skeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

“**Il-Ħames Skeda**

**Miri tal-Ġbir**

***Operatur***

(i) Fluss Materjali I: kontenituri tax-xorb magħmulin mill-metall –

Mill-1 ta’ Jannar 2022 sal-31 ta’ Diċembru 2022 - 70% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta’ Jannar 2023 sal-31 ta’ Diċembru 2023 - 70% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta’ Jannar 2024 sal-31 ta’ Diċembru 2024 - 80% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta’ Jannar 2025 sal-31 ta’ Diċembru 2025 - 85% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta’ Jannar 2026 sal-31 ta’ Diċembru 2026 u għal kull sena kalendarja minn hemm ’il quddiem - 90% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

(ii) Fluss Materjali II: kontenituri tax-xorb magħmulin mill-plastik li huma prodotti tal-plastik li jintuża darba biss kif mfisser fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas dwar Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss –

Mill-1 ta’ Jannar 2022 sal-31 ta’ Diċembru 2022 - 70% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta’ Jannar 2023 sal-31 ta’ Diċembru 2023 - 70% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta’ Jannar 2024 sal-31 ta’ Diċembru 2024 - 80% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta’ Jannar 2025 sal-31 ta’ Diċembru 2025 - 85% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta’ Jannar 2026 sal-31 ta’ Diċembru 2026 u għal kull sena kalendarja minn hemm ’il quddiem - 90% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

(iii) Fluss Materjali III: kontenituri tax-xorb magħmulin mill-ħġieġ –

Mill-1 ta’ Jannar 2022 sal-31 ta’ Diċembru 2022 - 70% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta’ Jannar 2023 sal-31 ta’ Diċembru 2023 - 70% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

DRAFT

1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 - 80% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025 - 85% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 u għal kull sena kalendarja minn hemm 'il quddiem - 90% bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

*Produtturi ta' kontenituri tax-xorb li jistgħu jerġgħu jimtlew*

Mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 - 70% bħala piż tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew irreġistrati mill-produttur bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 - 70% bħala piż tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew irreġistrati mill-produttur bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 - 80% bħala piż tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew irreġistrati mill-produttur bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025 - 85% bħala piż tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew irreġistrati mill-produttur bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2026 sat-31 ta' Diċembru 2026 u għal kull sena kalendarja minn hemm 'il quddiem – 90% bħala piż tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew irreġistrati mill-produttur bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu."

DRAFT